# Il-Lirika fil-Poeżija

Studenta:
Maria Agius

Tutur:
Prof. Adrian Grima

## 1. Daħla

Il-poeżija lirika għandha storja twila fil-Punent. Skont Allen Grossman, "*lyric is the most continuously practiced of all poetic kinds in the history of Western representation*" (*The Sighted Singer* 211). Dan l-istudju jistħarreġ il-karatteristiċi tal-poeżija lirika, b'mod speċjali fid-dawl ta' dak li jikteb Jonathan Culler fil-ktieb tiegħu *Theory of the Lyric*. Imbagħad, permezz ta' analiżi letterarja, nara jekk dawn il-karatteristiċi jinstabux f'għadd ta' poeżiji rappreżentattivi ta' Oliver Friggieri. Filwaqt li fit-teżina hemm żewġ kapitli li fihom ninqeda b'din it-teorija tal-lirika biex nanalizza għadd ta' poeżiji rappreżentattivi ta' Oliver Friggieri, hawnhekk se nikkonċentra fuq in-natura u l-istorja tal-lirika.

## 2. L-Istorja tal-Lirika

Il-lirika nistgħu nqisuha bħala l-mod stramb kif nindirizzaw lil elementi bħall-ħin, ir-riħ, u s-siġar u lil persuni li mhumiex preżenti (Culler, *Theory* vii). Apparti li nindirizzawhom, nistgħu nitolbuhom jagħmlu xi ħaġa partikolari jew ma nħalluhomx jagħmlu dak li jagħmlu s-soltu.

Minħabba l-bidla minn teorija mimetika għal waħda espressiva li ħareġ biha M. H. Abrams, il-lirika saret il-mudell tal-poeżija inġenerali, "in-norma poetika" (Culler, *Theory* 76). Il-lirika kisbet prominenza fl-isfera tal-poeżija fost l-oħrajn għaliex inqatgħu minnha l-epika, li saret ir-rumanz, u d-drama, li bdiet tinkiteb fi proża minflok versi.

Id-diffikultajiet rigward il-kategorija tal-lirika bdew mill-Griegi tal-qedem li kienu jiddistingwu bejn tipi differenti ta' poeżija: dawk marbutin ma' ċirkustanzi tematiċi, u dawk marbutin ma' metri partikulari li huma assoċjati ma' tip ta' reċitazzjoni (Culler, *Theory* 49). It-teoristi tradizzjonali jgħidu li hemm żewġ tipi ta' teoriji ta' dan il-ġeneru: dawk li mibnijin fuq l-esperjenza (empiriċi) u dawk li huma bbażati fuq ideat u prinċipji astratti (teoretiċi) (Culler, *Theory* 45-46). Goethe jitkellem fuq it-tliet forom naturali tal-poeżija, dik epika, drammatika u lirika, li jiddistingwihom minn varjetà ta' "ġeneri empiriċi," bħalma huma l-ballata, id-drama, l-epistola (jew l-ittra), il-ħrafa, l-ode, ir-rumanz, il-parodija, u l-istorja ta' mħabba (f'Culler, *Theory* 75). It-tqassim ta' Goethe bejn it-tliet forom naturali tal-poeżija sar in-norma fis-seklu dsatax, minkejja li fis-sekli ta' qabel, ħafna poeti u kritiċi identifikaw bosta ġeneri speċifiċi ta' lirika (Culler, *Theory* 75). Fil-ktejjeb *Literary Theory: A Very Short Introduction*, Culler jargumenta li storikament ħafna teoristi tal-ġeneru qasmu x-xogħlijiet letterarji fi tliet klassijiet kbar, skont il-vuċi tax-xogħol: 1. il-vuċi poetika jew lirika, meta n-narraturi jkunu qegħdin jitkellmu fl-ewwel persuna; 2. l-epika jew in-narrattiva, li fihom in-narraturi jsemmgħu l-vuċi tagħhom imma jagħtu lok lill-karattri biex jitkellmu huma wkoll; 3. id-dramm, li fih jitħaddtu biss il-karattri fuq il-palk. Id-distinzjoni bejn dawn it-tlieta tidher ukoll fir-relazzjoni tal-kelliem jew tal-kelliema mal-udjenza għax fl-epika l-poeta jkellem b'mod dirett lill-udjenza li qiegħda tisma'. Fid-dramm l-awtur ikun moħbi mill-udjenza u jitkellmu biss il-karattri ta' fuq il-palk. Imbagħad fil-lirika niltaqgħu mal-aktar relazzjoni kkumplikata. Hawnhekk il-poeti, permezz tal-kant jew il-kant ritwalistiku, jistħajlu li qegħdin ikellmu lilhom infushom jew lil xi ħadd ieħor, bħal xi spirtu tan-natura, ħbieb, maħbubin, u Alla (*Literary Theory* 73-74).

It-teorista Ġermaniża Eva Müller-Zettelmann għamlet lista tat-tendenzi li jiddistingwu l-lirika mill-ġeneri l-oħra, jiġifieri l-qosor, in-nuqqas ta' elementi fittizji, strutturi iktar intensi u formali, awtoreferenzjalità aktar estetika, devjazzjoni lingwistika aħjar, u suġġettività epistemoloġika aħjar (33). F' *The Mirror and the Lamp,* Abrams jistqarr li b'kuntrast mal-forom narrattivi u drammatiċi, ħafna mil-liriċi ma jinkludux elementi bħalma huma l-karattri u l-plott. Il-maġġoranza tal-liriċi huma magħmulin minn ħsibijiet u ħsus imlissnin fl-ewwel persuna u l-uniku karattru disponibbli li għalih jistgħu jirreferu dawn is-sentimenti huwa l-poeta nnifsu (84-85). Karatteristika oħra li tiddistingwi l-lirika jidher li hi t-tentattiv li tingħata l-impressjoni li qed tiġri xi ħaġa issa, fil-mument tad-diskors (Culler, *Theory* 37).

Fi żmien il-qedem u fir-Rinaxximent, l-epika u d-dramm traġiku kienu l-aqwa forma ta' letteratura, u dawk kollha li riedu jsiru poeti kienu jħabirku biex isiru mgħallmin ta' dawn il-ġeneri. Imbagħad l-invenzjoni tar-rumanz ġabet kompetizzjoni ġdida fix-xena letterarja, iżda bejn l-aħħar tas-seklu 18 u nofs is-seklu 20, bdew iħarsu lejn il-lirika, jiġifieri poeżija qasira mhux narrattiva, bħala l-qofol tal-letteratura. Fl-imgħoddi kienu jħarsu lejha bħala tip ta' espressjoni għolja (jew elevata), bħala l-espressjoni eleganti tal-valuri u l-attitudnijiet kulturali. Aktar tard il-poeżija lirika bdew iħarsu lejha bħala l-espressjoni ta' ħsus qawwija li għandhom x'jaqsmu kemm mal-ħajja ta' kuljum kif ukoll mal-valuri traxxendentali. B'hekk setgħet tfisser l-iktar ħsus ġewwiena tas-suġġett individwali, tal-bniedem. Din l-idea għadha popolari, iżda t-teoristi kontemporanji jaraw il-lirika iktar bħala xogħol assoċjattiv u immaġinattiv fuq il-lingwa, sperimentazzjoni bil-konnessjonijiet lingwistiċi u formulazzjonijiet li iktar jagħmlu mill-poeżija mezz ta' tfixkil kulturali milli repożitorju ewlieni tal-valuri tagħha (*Literary Theory* 74). Għalkemm il-poeti kontemporanji jirreżistu l-idea tal-lirika, ħafna minnhom jorbtu mat-tradizzjoni tal-lirika biex jiksbu l-effetti mixtieqa (*Theory* 32).

Sabiex Culler jidentifika u jesplora aspetti tal-lirika li aktarx huma importanti għat-teorija tal-lirika, ma jibdiex b'definizzjonijiet. Minflok jibda billi jagħti ħarsa lejn tipi differenti ta' poeżiji minn lingwi varji u minn mumenti differenti tat-tradizzjoni tal-lirika tal-Punent li tippreżenta t-tendenzi u l-possibilitajiet. Bħala eżempju Culler juża poeżija ta' Saffo, l-unika poeżija kompluta li għandna tagħha, u jsostni li hi poeżija impressjonanti u paradigma jew mudell tal-lirika.

Fil-poeżija "Ode lil Afrodite" Saffo qed tindirizza lil Afrodite u Afrodite tindirizza lura lil Saffo (*Theory* 10). Ir-rappreżentazzjoni fir-rispons ta' Afrodite f'din il-poeżija hi qawwija u tiġbed l-għajn għax isseħħ it-tranżizzjoni mid-diskors irrappurtat għal dak dirett. Il-virgoletti ma jintużawx bħalma jsir illum il-ġurnata f'edizzjoni moderna. Għalhekk it-tranżizzjoni ssir permezz ta' logħob bil-pronomi: mill-pronom "jien" għall-pronom "int" u fil-każ ta' Afrodite, mill-pronom "int" għall-pronom "jien" (Culler, *Theory* 13). Dan it-tibdil mid-diskors rappurtat għad-diskors dirett joħloq effetti imprevedibbli tal-apparenza ta' Afrodite fil-preżent, allavolja l-poeżija tippreżenta l-apparenza u diskors ta' okkażjonijiet fil-passat. L-alla Griega taqleb id-diskors fil-preżent u l-futur: "*whom am I to persuade once again this time?/... Who, o Sappho, does you wrong?*" Permezz ta' dan id-diskors donnu għandna lil Afrodite preżenti u qiegħda titkellem hawn illum, f'dan il-mument. Dan it-taħdit irrakkuntat ma seħħx biss fil-passat iżda jseħħ issa wkoll, f'kull ħin li l-poeżija tiġi ppreżentata. Mikhail Bakhtin jittratta l-poeżija bħala monologu u jorbot id-djalogi mar-rumanz; iżda f'din il-poeżija, jiġifieri fil-bidu tat-tradizzjoni lirika, diġà nsibu djaloġiżmu (Culler, *Theory* 14). Marshall Brown tistqarr li waħda mill-karatteristiċi ewlenin tal-lirika hija li toffri kontrapunt ta' vuċijiet permezz tad-djalogu: "*dialogue is precisely what the lyric counterpoint of voices provides. Whether we call it music, suggestiveness, or haunting, the interior distance achieved by lyric is an opening onto a dynamic mental space whose power has often been felt, even if it is rarely formulated*" (134). Il-misteru essenzjali tal-lirika hu "*its way of being of two minds*": il-lirika hija dejjem "bejn ħaltejn." Dan l-eżempju ta' Saffo jurina l-lirika bħala att performattiv u avveniment, att pubbliku li Culler isejjaħlu "*triangulated address,*" jiġifieri vuċi li tkellem lis-semmiegħa permezz ta' indirizz apostrofiku lil qawwa mhux preżenti *(Theory* 15). Bl-użu tad-deissi, tal-"*here and now,*" tal-espressjoni u strutturi retoriċi oħrajn, din il-poeżija tippreżenta ruħha bħala avveniment f'ħin li jirrepeti ruħu. Dawn joħolqu effetti ta' preżenza li 'l quddiem isiru wħud mill-possibiltajiet fundamentali tal-lirika (*Theory* 16). Madankollu, għadni rrid nesplora l-mistoqsija dwar kif il-lirika toħloq l-effetti ta' preżenza u x'inhi l-funzjoni ta' dawn l-effetti fil-lirika (Culler, *Theory* 37).

## 3. Il-Ħsus u s-Sentimenti

Fis-seklu għoxrin, ir-reżistenza għal-lirika saret parti mill-prassi poetika. Madankollu, il-mudell tal-lirika bħala l-espressjoni passjonali tal-poeta baqa' b'saħħtu, speċjalment f'testi

pedagoġiċi sal-ewwel nofs tas-seklu għoxrin, b'riċerkaturi bħal Walter Blair u W. K. Chandler li kitbu li "l-poeżija lirika tqanqal emozzjoni għaliex tesprimi s-sentimenti tal-awtur" (250). Ftit snin wara, Lawrence Zillman kiteb li "*First, and most important, is the impression gained that the lines are spoken by the poet himself, giving expression to his personal feelings, aspirations, or attitudes*" (161). Il-lirika, għal Mark Booth, hija "*The voicing of one moment's state of feeling*" (73), għalhekk l-enfasi tiegħu hija fuq il-ħsus, fuq il-lirika bħala ritratt tal-mod kif qed tħossha l-persuna f'mument partikulari, fuq qagħda jew stat. Waqt li jsemmi l-ħsus ukoll, M. H. Abrams jagħti iktar importanza lill-istat tal-moħħ, lill-pożizzjoni mentali ta' min qed jitkellem fil-poeżija jew lill-proċess ta' ħsieb tiegħu: għalih il-lirika hija "*any fairly short, non-narrative poem presenting a single speaker who expresses a state of mind or a process of thought and feeling*" (*A Glossary* 201). F'intervista li għamel fl-1962 lil Rużar Briffa, Ġużè Aquilina jisħaq li l-lirika "wieħed jista' jxebbahha mat-tifwir tas-sentimenti li l-poeta jħosshom f'daqqa waħda" (0:40 - 0:44). Din l-istqarrija toħodna lura għall-1800 meta fid-daħla għall-ġabra *Lyrical Ballads* ta' Wordsworth u Coleridge, Wordsworth kiteb li "*poetry is the spontaneous overflow of powerful feelings*" (175). Dan il-ħsieb jipproponi li l-poeżija għandha tesprimi l-ħsus qawwija li jġarrbu l-poeti. Il-pożizzjoni ta' Oliver Friggieri hi li kull tip ta' kitba poetika tista' titqies bħala lirika dment li tirrifletti l-emozzjoni qawwija tal-awtur jew l-awtriċi ("Lirika"). L-istess definizzjoni tal-lirika tinsab fid-definizzjoni tal-poeżija Romantika stess għaliex ukoll inqisuha bħala espressjoni spontanja, sinċiera u qawwija ta' sentiment, xi ħaġa waħdanija u personali. Friggieri saħansitra jistqarr li nistgħu nqisu l-lirika bħala karatteristika ewlenija tal-poeżija Maltija kollha, inkluż il-poeti ta' wara l-Indipendenza.

Il-Kritika l-Ġdida ċċaqlaq l-attenzjoni minn fuq il-poeta għal fuq it-test għax tittratta l-lirika bħala mitkellma mill-persona u mhux mill-poeta (Culler, *Theory* 77). Waqt li Abrams ra l-lirika tas-seklu 19 bħala l-espressjoni intensa tal-poeti (li eventwalment issir in-norma), il-Kritika l-Ġdida fl-erbgħinijiet tas-seklu 20 bdiet tbiegħed lill-awturi mit-test poetiku u tittratta d-diskors bħala diskors tal-persona (Culler, *Theory* 84). Fis-seklu dsatax u fil-bidu tas-seklu għoxrin, l-ewwel tip ta' lirika, jiġifieri l-lirika bħala l-espressjoni tal-emozzjonijiet tal-poeta, wassal biex tonqos l-importanza storika ta' diversi sottoġeneri tal-lirika. It-tieni tip ta' lirika, li ġiet stabbilita f'nofs is-seklu għoxrin, ipprovdiet mod distintiv ta' kif jinqraw il-poeżiji,

jiġifieri bħala d-diskors ta' persona fittizja (Culler, *Theory* 85). Minħabba li dawn iż-żewġ mudelli tal-lirika – jiġifieri l-lirika bħala espressjoni tal-emozzjonijiet tal-poeta u l-lirika bħala rappreżentazzjoni ta' vuċi fittizja tal-poeta jew tal-persona – jidhru f'mumenti storiċi differenti u għandhom ukoll funzjonijiet differenti, Culler jemmen li huwa storikament irresponsabbli li ngħaqqduhom flimkien bħala "liriċizzazzjoni" (Culler, *Theory* 84).

## 4. Il-Vuċi tal-Lirika u l-Poeta

Sa minn żmien il-Griegi, il-lirika ġeneralment kienu jqisuha bħala kitba li l-qarrejja jlissnuha f'qalbhom jew bil-fomm. Iżda l-importanza tal-ħoss fil-lirika ġiegħlet lill-idea tal-vuċi tispikka, kemm fil-poeżija nnifisha kif ukoll fit-tradizzjoni tal-kritika (*Theory* 34).

Il-fatt li l-lirika miktuba tibqa' talludi għal-lira, jiġifieri għall-istrument qadim li jixbah lill-arpa, u l-fatt li tibqa' titkanta anke wara li tieħu l-forma ta' kitba, jikxfu l-importanza tad-dimensjoni fonetika biex jinħolqu l-effetti karatteristiċi tal-poeżija lirika. Il-prinċipju tal-intelliġibilità fil-poeżija lirika jiddependi fuq il-fenomenu tal-vuċi poetika (de Man 55). Jiġifieri, sabiex aħna l-qarrejja naqraw xogħol bħala liriku rridu ningħataw vuċi, biex b'hekk nikkonvinċu ruħna li qegħdin nisimgħu vuċi (Culler, *Theory* 35). Din l-idea tal-lirika marbuta ma' dak li de Man isejjaħlu "*the phenomenalization of the poetic voice*" – jiġifieri l-kunċett li nikkonvinċu ruħna li qed nisimgħu vuċi – kienet, għal ħafna, mudell li jevitawh (85).

Meta naħsbu fuq il-lirika, huwa kruċjali li nibdew bid-distinzjoni bejn il-vuċi li nisimgħu titkellem, jiġifieri l-vuċi figurattiva, u l-poeta li ħoloq il-poeżija (Culler, *Literary Theory* 75). Skont John Stuart Mill, il-poeżija lirika hija espressjoni li nisimgħuha b'kumbinazzjoni (f'Culler, *Literary Theory* 76). Meta nissemmgħu din l-espressjoni li tiġbdilna l-attenzjoni, ġeneralment nispiċċaw nimmaġinaw jew nibnu mill-ġdid lill-kelliem jew kelliema u l-kuntest: nidentifikaw it-ton tal-vuċi, niddeċiedu l-qagħda, is-sitwazzjonijiet, it-tħassib u l-attitudnijiet tal-persuna li qed titkellem (kultant dawn jingħaqdu ma' dak li diġà nafu fuq l-awtur jew l-awtriċi, imma mhux spiss). Għal-lirika dan kien l-approċċ dominanti fis-seklu għoxrin. Ġustifikazzjoni teoretika konċiża kienet li x-xogħlijiet letterarji huma imitazzjonijiet fittizji tad-"dinja reali," imbagħad it-tlissiniet u l-lirika huma imitazzjonijiet fittizji ta' espressjonijiet personali (*Literary Theory* 76). Vendler issostni li l-għan tal-lirika huwa li toffri lill-qarrejja

test biex jaqrawh jew jirreċitawh huma, u mhux poeżija li l-qarrejja bħallikieku ssemmgħuha jew poeżija li fiha l-poeta jew poetessa qed jitkellmu magħhom infushom, imma tlissina għalina biex inlissnuha daqslikieku kienet tagħna (f'Jackson u Prins 88). Dan jeħodna għad-diskors ta' Hegel li jistqarr li l-proċess tal-lirika huwa wieħed ta' purifikazzjoni u universalizzazzjoni. Il-lirika ssir "il-lingwa tal-ħajja ġewwiena poetika," u għalhekk, għalkemm l-għarfien u l-ħsibijiet li jiddeskrivu l-poeti huma tagħhom bħala individwi, għandu jkollhom validità universali (1112). Hemm min jgħid li dawk li jħaddmu l-lirika jesprimu tiġrib universali u jirrappreżentaw lilna lkoll, u mhux lil nies partikulari f'post u żmien partikulari (Jackson 115).

Meta nħarsu lejn il-poeżija tas-seklu 20 irridu naraw kemm minn dak li qed naqraw huwa liriku; irridu naqrawh ukoll fil-qafas tat-tradizzjoni lirika tal-Punent. Ħafna poeti tas-seklu 20 ma qablux mal-mudell tal-poeżija lirika li jagħti prominenza lill-effetti tal-vuċi, tal-preżenza u tal-indirizz. Dan seħħ minkejja li l-kritiċi sostnew li dawn l-effetti jiddependu minn strateġiji retoriċi u dan jaffettwa anke l-mod kif il-poeti jimmanipulaw il-lingwa (*Theory* 30).

## 5. Il-Lirika u l-Mużika

Għalkemm il-lirika baqgħet iżżomm l-idea li hi konnessa mal-mużika, il-ġabriet tal-kanzunetti tat-*troubadours*, ix-"*chansonniers*," ma tantx jirreferu għal akkumpanjament mużikali, u ħafna mil-lirika ma kinitx mużikali. "*A significant portion of the extant corpus of medieval lyric poetry, including the considerable body of Middle English meditative and penitential poetry from the 13th and 14th centuries, lacked musical accompaniment*" (Jirsa 27). F'din it-tradizzjoni dejjem tikber tal-lirika ma jidhirx li kien hemm l-intenzjoni li l-kliem jitkanta, imma jintuża, pereżempju, għall-meditazzjoni (Culler, *Theory* 68). Cristanne Miller tistqarr li "Fil-bidu u fin-nofs tas-seklu dsatax fl-Istati Uniti, it-terminu "lirika" kien jirreferi għal kull poeżija li ma kinitx drammatika, epika, jew narrattiva u kienet armonika jew mużikali fil-lingwa u maħsuba bħala kanzunetta" (24). Għal Oliver Friggieri, il-lirika hi poeżija li fil-qedem kienet tiġi kantata iżda li maż-żmien il-kelma tilfet it-tifsira qadima tagħha, għax illum din il-"lirika" ma tirreferi għal ebda forma poetika fissa bħalma kellha qabel ("Lirika"). Il-fatt li bosta poeżiji ta' Friggieri saru kanzunetti jikkonferma d-dimensjoni, u aktarx anki l-vokazzjoni mużikali tagħhom.

## 6. L-Indirizz

Minkejja li l-indirizz lill-maħbub jew lill-imħabba huma l-iktar indirizzi komuni, fil-*Canzoniere*, Petrarca jindirizza wkoll lill-qarrejja u dan it-tip ta' indirizz jevoka t-temporalità tal-lirika li mhix marbuta ma' post partikulari (Culler, *Theory* 20). Meta tinvoka jew tindirizza lil xi ħadd li mhuwiex l-udjenza vera, ngħidu aħna lil xi spirtu tan-natura, lill-muża, lil urna, jew lil xi maħbub, tkun qed tiġbed l-attenzjoni lejn il-fatt li l-avveniment tal-indirizz huwa att fih innifsu (Culler, *Theory* 187). L-iktar manifestazzjoni ċara ta' indirizz fi proċess triangulari sseħħ meta tinvoka lil indirizzati "impossibbli," bħalma huma forzi li ma narawx, bħar-riħ, jew kreaturi u affarijiet li x'aktarx mhumiex se jwieġbu, bħal iljun, dgħajsa, il-mewt, ċinju, jew l-art (Culler, *Theory* 187). Indirizz lil xi ħadd jew xi ħaġa jagħti lill-poeżija x-xeħta ta' ġrajja; iktar ma l-poeżija tkellem indirizzati mhux tas-soltu, iktar tidher li qed issir invokazzjoni ritwalistika (Culler, *Theory* 188).

Waqt li fil-poeżija internazzjonali hemm waqtiet meta l-leħen liriku jindirizza lill-imħabba nfisha, fil-lirika Maltija dan mhuwiex indirizz komuni. Wieħed mill-eżempji l-iktar prominenti ta' dan it-tip ta' indirizz jidher fil-lirika tal-grupp mużikali Brikkuni, li fil-kanzunetta "Rub al Khali," jindirizza lill-imħabba fl-ewwel vers tal-album li jġib l-istess isem bil-kliem, "Imħabba, aħfirli." Fil-qofol tiegħu, dan it-tielet album huwa dwar relazzjoni ta' mħabba li spiċċat u l-impressjoni qawwija li tingħata hi li minflok il-kelma "Imħabba" fl-ewwel vers setgħet faċilment intużat il-kelma "maħbuba." Għalhekk waħda mill-indikazzjonijiet hi li l-"imħabba" ppersonifikata hija bħal "verżjoni" lirika ta' "maħbuba," imma hemm effetti oħrajn li trid tqishom fil-kuntest tal-kanzunetta u tal-album kollu, bħalma hi d-distanza tal-leħen liriku mill-imħabba minħabba d-diffikultà li jsib ruħu fiha quddiemha.

Indirizz lis-semmiegħa jew lill-qarrejja jista' jidher bħala l-mudell ewlieni tal-komunikazzjoni diretta fil-lirika. Madankollu, din hija xi ħaġa rari ħafna fil-poeżija, għaliex ironikament l-indirizz tal-lirika ġeneralment huwa indirett. Iktar ma l-poeżija titkellem dwar is-sentimenti jew l-esperjenzi tal-"int," iktar tikkumplika ruħha s-sitwazzjoni tal-indirizz, għax "*'you' is figured in ways not so easily identified with a reader*" (Culler, *Theory* 91): mhux lakemm ngħidu li l-figura li qed tindirizza l-vuċi lirika hija l-qarrej jew il-qarrejja. Għalkemm Culler jgħid li indirizz dirett lill-udjenza huwa rari, Ralph Johnson isostni li ladarba l-lirika li ntirtet mill-Griegi kienet titkanta lill-udjenza, kien hemm kemm "int"

kif ukoll "jien," jiġifieri kien hemm kelliem/a jew kantant/a li qed tkellem jew tkanta lil persuna jew persuni oħra (34). Skont Ralph Johnson il-lirika Griega "hija inaċċessibbli għalina" (25). Madankollu, il-korpus eżistenti li għandna "*certainly challenges the idea that the Greek lyric is characteristically framed as direct address to the audience that would have heard it*" (Culler, *Theory* 199). Il-ftit eżempji ta' indirizz dirett lill-udjenza li għandna minn żmien il-Griegi, mhumiex biżżejjed biex juru li n-norma għall-Griegi kienet li fil-lirika jindirizzaw direttament lill-udjenza. Waħda mill-aktar strutturi prominenti tal-lirika li tidher fil-lirika Griega l-qadima u f'kull perjodu tal-lirika moderna, hi "*the triangulation whereby a speaker ostensibly addresses a beloved, as a way of speaking indirectly to the audience*" (*Theory* 201). Ralph Johnson jissuġġerixxi li l-persuna indirizzata hija metafora għall-qarrejja tal-poeżija u ssir medjatriċi simbolika ("*a conductor*") bejn il-poeta u kull wieħed u waħda mill-qarrejja u s-semmiegħa tiegħu (3). Għalhekk, f'dan il-każ, il-fenomenu mhuwiex dak ta' indirizz lill-udjenza imma ta' "*indirection, as in address to a goddess or an urn*" (*Theory* 201). Avolja l-persuna indirizzata hija metafora tal-qarrejja jew tas-semmiegħa, fl-aħħar mill-aħħar mhuwiex indirizz dirett lill-udjenza (W.R Johnson 3). Indirizz liriku lill-maħbub jew lill-maħbuba joħloq ġrajja fil-mument tal-indirizz li fiha wieħed jixxennaq għall-maħbuba, jew ifaħħarha, jew inkella jilmenta dwar in-nuqqas ta' rispons tagħha. Dan jippermetti espressjoni iktar qawwija tas-sentimenti, mhux bħala xi ħaġa rrakkontata mill-passat imma bħala att ta' tifħir jew tort fil-preżent jew, ħafna drabi bħala interrogazzjoni attiva tal-proċess li fih wieħed ikun involut (Culler, *Theory* 208). Ma jidher li hemm l-ebda limitu għall-firxa ta' affarijiet li għandha tindirizza l-lirika. Ngħidu aħna, Orazju jindirizza, fost l-oħrajn, lil vapur, lil siġra li tinsab fuq il-proprjetà tiegħu, lil flixkun tal-inbid, u lil-lira tiegħu (Culler, *Theory* 211).

Għal Barbara Johnson it-teknika tal-apostrofi hija meta kelliem fl-ewwel persuna jindirizza persuna assenti, mejta jew inanimata b'mod dirett. Għaldaqstant l-apostrofi hija diretta u indiretta fl-istess ħin: fl-etimoloġija tagħha hemm is-sens li l-apostrofi tagħmel digressjoni (speċi ta' parentesi twila) mid-diskors propju. F'dan is-sens l-apostrofi timmanipula b'mod mistħajjel, narrattiv, l-istruttura tal-indirizz dirett bejn il-"jien" u l-"int." Permezz ta' dan l-indirizz mistħajjel, l-entità assenti, mejta jew inanimata ssir preżenti, animata u antropomorfika. L-apostrofi hija tip ta' ventrilokwiżmu, li permezz tiegħu l-kelliem jew kelliema jagħtu leħen, ħajja u forma umana lil dak li qed jindirizzaw u jbiddlu s-silenzju

tagħhom f'ħila li jirreaġixxu minnufih u b'mod pożittiv u fl-istess ħin mingħajr ma jinstemgħu (Barbara Johnson 185). L-apostrofi mhix bħan-narrattiva għaliex l-"issa" mhuwiex mument f'sekwenza temporali imma "issa" speċjali tad-diskors, l-issa tal-att tal-kitba u tat-tlissina poetika. Din it-temporalità tad-diskors bilkemm nifhmuha, u diffiċli naħsbu fuqha, imma jidher li hi waħda mill-affarijiet li lejha tersaq il-lirika, *"that iterable time when language can say 'now'"* (Culler, *Theory* 229).

Culler iqis l-indirizz indirett bħala struttura ċentrali tal-lirika u jistagħġeb kif din ma ġietx aċċettata aktar, għax biex tindirizza lil xi ħadd b'mod dirett m'għandekx bżonn poeżija (*Theory* 243). Dejjem ikun hemm "int" indirett fil-lirika; ħafna drabi dik l-"int" hi l-"int" tal-maħbub jew maħbuba, ta' Alla, tar-riħ, jew tal-fjura. Imma kultant dik l-"int" mhix figura identifikabbli: tibqa' hemm bħala *"a spectral presence, a yearning, something like love"* (Culler, *Theory* 243), preżenza, xewqa, jew ħjiel ta' mħabba.

## 7. Konklużjoni

Il-karatteristiċi ewlenin tal-lirika li identifikajt f'dan l-istudju huma dawn: (1) il-lirika hija l-mod stramb kif nindirizzaw lil elementi astratti jew inanimati bħall-ħin, ir-riħ, u s-siġar, u lil persuni li mhumiex preżenti, u nitolbuhom biex jagħmlu xi ħaġa partikolari; (2) il-lirika toffri kontrapunt ta' vuċijiet permezz tad-djalogu; (3) il-poeżija lirika hija espressjoni li aħna l-qarrejja nissemmgħu bħallikieku b'kumbinazzjoni u mbagħad wara li nissemmgħu nispiċċaw nibnu mill-ġdid f'moħħna lill-kelliem jew kelliema lirika u l-kuntest; (4) il-lirika tintuża wkoll bħala att performattiv li Culler isejjaħlu indirizz triangulari, jiġifieri l-vuċi tkellem lis-semmiegħa permezz ta' indirizz apostrofiku lil qawwa mhux preżenti; u (5) il-proċess tal-lirika huwa wieħed ta' purifikazzjoni u universalizzazzjoni. Uħud minn dawn il-karatteristiċi tal-lirika jispikkaw fil-poeżija ta' Oliver Friggieri li toffri l-possibilità li nindirizzaw lil persuni mhux preżenti u t-talba biex il-figuri indirizzati jagħmlu xi ħaġa partikolari jew mhux tas-soltu. F'"Ħarstek Vjola Tkanta" u "Mal-Fanal Hemm Ħarstek Tixgħel" il-vuċi lirika tindirizza figura misterjuża, li l-indikazzjonijiet f'dawn iż-żewġ poeżiji huma li hija femminili u tintalab tagħmel għadd ta' affarijiet partikolari. Karatteristika oħra li spikkat hi li l-leħen jipprova joħloq djalogu u li aħna l-qarrejja nissemmgħu dan id-djalogu bħal dak li jseħħ fil-poeżiji "Pellegrin Distratt," "Iss' Inti l-Istaġun il-Ġdid," "F'Misraħ il-Parlament," u "Il-Poeta u l-Politiku."

It-temporalità tal-lirika hi wkoll karatteristika li spikkat minħabba li f'ċerti poeżiji Friggieri jindirizza lill-qarrejja u għalhekk il-poeżija ma tkunx marbuta ma' post jew żmien partikolari. Din it-temporalità tfeġġ, fost l-oħrajn, f'"Karin u Raymond" u "Fil-Bar tal-Kantuniera". F'"Karin u Raymond" il-qarrejja jħossu li qegħdin jiġu indirizzati minn dawn iż-żewġ żgħażagħ, li aktarx fuq din l-art lanqas kienu jafu lil xulxin imma l-vuċi tgħaqqadhom f'komunjoni; min-naħa l-oħra, fl-aħħar strofa tal-poeżija "Fil-Bar tal-Kantuniera" l-vuċi tindirizza lill-qarrejja u tħeġġiġhom biex jixorbu "sa ma jiskru." Fil-poeżiji ta' Friggieri tidher ukoll l-universalità, għaliex il-kelliem ileħħen it-tiġrib emottiv personali imma fl-istess waqt ikun qiegħed ileħħen tiġrib universali. Għalhekk aħna l-qarrejja nlissnu t-tlissina daqslikieku kienet tagħna.

## Biblijografija


Abrams, M.H., u Geoffrey Harpham. *A glossary of the Literary Terms*. L-10ar edizzjoni.. Lyn Uhl, 2012.

Abrams, M. H. *The Mirror and the Lamp: Romantic Theory and the Critical Tradition*. Oxford UP, 1971.

Blair, Walter u W.K. Chandler. *Approaches to Poetry*. NY Appleton, 1953.

Briffa, Rużar. Intervistat minn Ġużè Aquilina, 1962. Aċċessat fit-12 ta' Novembru 2019.

Brown, Marshall. "Negative Poetics: On Skepticism and the Lyric Voice." *Representations* Vol. 86. pp 120-140. University of California Press, 2004.

Culler, Jonathan. *Literary Theory: A Very Short Introduction*. It-2ni edizzjoni. Oxford UP, 2011.

---. Theory of the Lyric. Harvard UP, 2017.

De Man, Paul. "The Lyrical Voice in Contemporary Theory." *Lyric Poetry Beyond New Criticism*, editjat minn Chaviva Hosek u Patricia Parker, Cornell University Press, 1985.

Friggieri, Oliver. "Lirika." Dizzjunarju ta' Termini Letterarji. Ir-raba' ed. Klabb Kotba Maltin, 2010.

Grossman, Allen. *The Sighted Singer: Two Works on Poetry for Readers and Writers*. Johns Hopkins UP, 1991.

Hegel, G.W.F. *Hegel's Aesthetics*. Tradott minn T.M Knox, Oxford UP, 1975.

Jackson, Virginia u Yopie Prins, edituri. *The Lyric Theory Reader: A Critical Anthology*. Johns Hopkins UP, 2014.

Johnson, Barbara. "Apostrophe, Animation, Abortion." *A World of Difference*, pp. 184-199. The Johns Hopkins UP, 1989.

Johnson, Ralph.W. *The Idea of Lyric: Lyric Modes in Ancient and Modern Poetry*. University of California Press, 1982.

Miller, Cristanne. *Reading in Time, Emily Dickinson in the Nineteenth Century*. University of Massachusetts Press, 2012.

Wordsworth, William u Samuel Coleridge. *Lyrical Ballads: 1798 and 1800*, editjat minn Michael Gamer u Dahlia Porter, Broadview Press, 2008.

Zettelmann, Eva Müller. *Lyrik und Metalyrik*. Universitätsverlag Winter, 2000.

Zillman, Lawrence. *The Art and Craft of Poetry*. NY Macmillan, 1966.